**Il-laqgħa miegħek Mulej**

Fl-aħħar Mulej qtajtha
Li nagħmel il-pass u nqerr,
Jien naf ġewwa qalbi
Li dnubi int tistmerr.

Imma lili tħobbni
Trid wisq isserraħni,
Mit-toqol li fnieni
Li kważi tertaqni.

Diga nħoss il-paċi
Se nfittex saċerdot,
Ma rridx li din ħajti
Tiddgħajjef u tirtogħod.

Dħalt fil-knisja w ersaqt
Fil-konfessjonarju,
Għax fih ħassejt ħniena
Bħal teżor fl-armarju.

Inżilt għarkupptejja
U raddejt is-salib,
Stqarrejthom dnubieti
Ħadt kelma ta' ħabib.

Imbagħad smajt f'widnejja
Dik l-assoluzzjoni,
X'ferħ kbir ħassejt f'qalbi
Kien tassew splużjoni.

Ħrigt minn hemm tant mibdul
Rċevejt henet il-qlub,
Lejn Kristu se nħares
Ma rridx iżjed id-dnub.

Irrid biss inħobbok
Mulej f'ħuti l-bnedmin,
Magħhom qed tgħaqqadni
Fil-ferħ tal-qaddisin.

Patri Mario Attard OFM Cap
25 t'April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.